# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, 2002 .**

**Citazzjoni numru : 43/1986G1(PC)**

Joseph Galea f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-imsiefra Carmen mart Gakbu Camilleri, Lucy mart Bernard Portelli u Anthony ahwa Galea .

vs

Maria mart Michele Camilleri .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta :

Illi b'testment fl-atti tan-nutar Giuseppi Cauchi tat-18 ta' April, 1983, Rose Cauchi halliet b'eredi taghha lill-atturi u lill-konvenuta werrieta taghha skond il-ligi .

Illi fit-8 ta' Ottubru, 1985, b'ingann esercitat minn nahha tal-konvenuta l-istess Rose Cauchi giet indotta biex taghmel testment iehor fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li bih giet nominata unica eredi l-konvenuta, bl-obbligu li ddur bit-testatrici, meta din kienet diga fi klinika privata ;

Illi l-istess Rose Cauchi mietet fit-18 ta' Ottubru, 1985, u l-wirt taghha ghadu llikwidu .

Talab lill-konvenuta tghid ghaliex :

1. ma ghandux jigi dikjarat u deciz illi t-testment maghmul minn Rose Cauchi fit-8 ta' Ottubru, 1985 permezz tan-Nutar Michael Refalo kien null u bla effett u ma jirrapprezentax l-ahhar volonta' ta' l-istess Rose Cauchi ghaliex kien frott tal-ingann ;

2. ma ghandux jigi likwidat l-assi tal-istess Rose Cauchi ;

3. ma ghandu l-assi hekk likwidat jigi dispost skond it-testment tal-istess Rose Cauchi tat-18 ta' April, 1983 fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi u wara l-hlas tal-legati kollha, ma ghandux jigi maqsum f'hames porzjonijiet ugwali, u

4. ghaliex dawn il-porzjonijiet ugwali ma ghandhomx jigi assenjati lil kull wiehed u wahda mill-atturi u l-konvenuta; bin-nomina ta' nutar biex jercievi l-att ta' divizjoni u ta' kuratur ghal kontumaci fuq l-att ta' divizjoni .

Bl-ispejjez . Il-konvenuta ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur proprio et nomine minnu kkonfermata bil-gurament .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :

1. Illi l-ewwel domanda attrici hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt billi t-testment ta' Rosa Cauchi Atti Nutar Dr. Michael Refalo tat-8 ta' Ottubru, 1985 huwa validu u skond il-ligi u jirregola il-wirt tat-testatrici sknd il-volonta taghha u skond il-ligi .

2. Illi l-wirt tal-istess Rosa Cauchi ghandu jigi likwidat u distribwit skond it-testment tal-istess decujus l-ewwel wiehed fl-Atti tan-Nutar tat-18 ta' April, 1983 u t-tieni wiehed fl-Atti tan-Nutar Michael Refalo tat-8 ta' Ottubru, 1985 .

3. Preliminarjament il-konvenuta titlob il-liberazzjoni taghha mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-attur proprio et nomine billi mhux veru li l-attur Joseph Galea huwa prokuratur tal-persuna imsefrin minnu msemmija fic-citazzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta mahlufa minnha .

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar 1991 fejn giet ammessa t-talba ta' l-atturi proprio et nomine ghall-hatra ta' espert psikjatra sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tad-decujus meta ghamlet it-testment kontestat .

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Ottubru 1991 fejn innominat lill-psikjatra Dottor Joseph Pisani ghal dan il-ghan .

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert taghha ipprezentata fit-23 ta' Gunju 1994 u debitament mahlufa fis-7 ta' Lulju 1991 .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur f'ismu u f'isem hutu msiefrin qieghed jipprova jakkwista decizjoni ta' nullita' ta' l-ahhar testment maghmul mill-kugina tieghu certa Rosa Cauchi, in atti Nutar Dottor Michael Refalo tat-8 ta' Ottubru 1985 (Dok. MR a fol. 39 tal-process), minhabba allegat ingann ezercitat mill-beneficjarja ewlenija ta' dan it-testment, ohtu l-ohra l-konvenuta . Fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza l-attur jallega ukoll illi kien hemm ukoll infermita da parti tat-testatrici li taghmel dan it-testment minhabba infermita' mentali . Huwa minnu, kif issostni l-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, illi l-attur fic-citazzjoni tieghu bbazza n-nullita' tat-testment in kwistjoni unikamnet fuq l-ingann allegatament ezercitat fuq it-testatrici. Imma peress illi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha hawn fuq indikata, rrevokat digriet ta' din il-Qorti li kienet cahdet talba ta' l-attur ghall-hatra ta' espert psikjatra biex jirrelata dwar l-istat mentali u fiziku tat-decujus fil-mument li sar it-testment kontestat, u infatti ammettiet din it-talba bhala l-ahjar prova li seta' jgib l-attur, din il-Qorti ser tezamina t-talbiet ta' l-attur anke minn dan l-aspett . Naturalment l-ingann u l-inkapacita' mentali bhala zewg ragunijiet ghall-invalidita' ta' testment ma jistghux jissussistu flimkien, ghax jew it-testatrici kienet kapaci taghmel testment, imma giet ingannata biex tiffavorixxi lil xi hadd a skapitu ta' hadd iehor, inkella ma kienitx kapaci xejn ghax milquta minn infermita' mentali . Fil-kaz in ezami pero' din il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni ta' l-infermita' mentali li tirrendi persuna inkapaci li taghmel atti legali . Imma ser tara biss jekk it-testatrici setghetx giet ingannata biex tiffavorixxi lill-konvenuta, fost affarijiet ohra kagun ta' stat mentali debboli li setghet waqghet fih minhabba xi medicinali, fosthom trankwilizzanti, li setghu gew amministrati lilha . Kif insibu jinghad fis-sentenza fil-kawza "Vincent Cachia v Carmelo Cachia" (15.3.1957; Kollez XLI) :

*"F'kaz fejn jigi mpunjat testment ghaliex dan sar fuq zeghil u/jew qerq tal-konvenuti li approfittaw ruhhom mill-istat mentali deficjenti tat-testatur u/jew fuq pressjoni ezercitata fuq it-testatur minn din il-premessa rettament*

*interpretata, ghandha titqies fis-sens illi t-testatur kien fi stat mentali debboli, u minhabba f'hekk il-pretiz zeghil u qerq da parti tal-konvenuti, u pressjoni da parti ta' haddiehor, kellhom l-effett li huwa, minghajr ma ried, gie kostrett jaghmel disposizzjonijet testamentarji mpunjati, li fuq dan il-motiv l-attur isostni li huma nulli u ta' ebda effett minhabba nuqqas jew vizzju tal-kunsens da parti tat-testatur" .*

Qabel xejn pero' trid tigi ttrattata l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta fejn talbet il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, billi mhux minnu li l-attur kien qieghed jagixxi wkoll f'isem hutu msiefrin . Pero' fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 1987 gew ipprezentati prokuri generali li Carmen Camilleri, Lucy Portelli u Anthony Galea rrilaxxjaw a favur ta' l-attur (Dokti. AG, AG 1, u AG 2 a fol. 18 –21 tal-process) . Dawn indubjament jindikaw l-awtorizzazzjoni ta' l-ahwa Galea l-ohra lil huhom l-attur biex jipprocedi b'din il-kawza anke f'isimhom . Di' piu' l-affidavits u deposizzjoni ta' l-istess ahwa Galea, presentati bhala prova f'din il-kawza, ikomplu jikkonfermaw ir-rieda taghhom li jipprocedu bl-istess kawza. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

Kif ighid l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, din il-kawza tirrigwarda l-validita' o meno tat-testment ta' Rosa Cauchi indikat fic-citazzjoni minhabba **ingann**, jew ahjar dik li tissejjah fid-duttrina u gurisprudenza bhala **kaptazjoni .** Din ir-raguni ghall-invalidita' ta' testment bhal kwalunkwe raguni ohra ibbazata fuq il-frodi necessarjament iggib in-nullita' ta' l-att kontestat . Hekk insibu l-**Pacifici Mazzoni** (Istituzioni di Diritto Civile Italiano; 3a ed., Firenze 1889, para. 70) jghallem illi :

**"Il dolo e' causa di nullita' della disposizione testamentaria, quando i raggiri sono stati tali, che il testatore senza di essi non avrebbe disposto . Nulla rileva che cotesti raggiri siansi usati dall'erede, o da un terzo, anche all'insaputa del medesimo; perocche' trattandosi di disposizione gratuita, opera della sola volonta' del testatore, ogni causa che vizia questa, rende quella necessariamente invalida …… La prova del dolo deve esser fatta da chi l'allega . Puo' provarlo anche col mezzo delle presunzioni; le presunzioni pero' qui, come altrove, e forse piu' che altrove, per essere concludenti debbono essere gravi, pecise e concordanti; sebbene manchi principio di prova per iscritto . E cio' e' vero, anche se trattisi di testamento pubblico, in cui sia dichiarato che il testatore lo ha fatto con piena convinzione e spontanieta'."**

Il-**Laurant** (Principii di Diritto Civile, Vol. XI, para. 132) da parti tieghu jispjega illi :
**"Intendiamo oggidi' per captazione i mezzi piu' o meno indelicati e disonesti con cui taluno procura di cattivarsi l'affetto e la benevolenza d'una persona allo scopo di capirle delle liberalita' . La captazione e' dunque presa in un significato spregevole . Non e' altrimenti della suggestione . Essa pure suppone che colui il quale suggerisce al testatore le disposizioni cui questo da' effetto, lo faccia nel proprio interesse ed abusando dell'influenza che ha sull'animo e sulla volonta' del testatore ."**

Imbaghad l-istess awtur jiccita lil **Furgole** li jenfasizza illi :
**"La suggestione e la captazione non costituiscono mezzi propri e speciali per annullare le disposizioni testamentarie; ma sono un ramo ed una dipendenza del dolo che deve servir loro di fondamento"** (cap. V. sez. III. n. 4) .

Ghalhekk ikompli jispjega l-**Laurant** :
**"Da cio' segue che la prova della captazione e della suggestione non e` ammissibile che per quei fatti che si vogliono far risultare come improntati al dolo . La captazione non e` dunque una causa speciale che vizia gli atti a titolo gratuito; sono I raggiri dolosi adoperati presso il testatore per sorprendere le sue ultime volonta` . Bisogna per conseguenza dimandare la nullita` non per captazione o suggestione, ma per dolo, provando che il testamento non sia piu` l'espressione della volonta` del *de cuis,* il quale, vittima dei raggiri fraudolenti da cui fu acciecato, ha fatto quello che non avrebbe voluto fare .**

**La captazione e' dunque sopratutto una questione di fatto; il dolo non si presume, … e deve essere provato** …" (para 133) .

Minn dan kollu jsegwi li mhux l-atti kollha ta' zeghil u/jew suggestjoni huma annullabbli, ghax kif jispjega il-**Pacifici Mazzoni** :

"…. l'uso de'mezzi atti a cattivarsi la benevolenza del testatore, come le dimostrazioni di amicizia, le premure assidue, i doni, non nuoce alla validita' della disposizione, benche' menzognieri e diretti ad ottenere questa; ne manco le nuoce l'uso dei mezzi di persuasione, fatto verso il testatore per determinarlo a fare la disposizione, salvo che non siavi commisto il dolo" (vol. VI. para 70) .
Nigu ghalhekk issa sabiex napplikaw dawn il-principji ghall-kaz in ezami . L-espert mediku nominat mill-Qorti fir-relazzjoni tieghu, u wara li ezamina

l-provi prodotti, jelenka fil-qosor il-fatturi li, skond l-attur, wasslu biex it-testatrici tigi ingannata sabiex tiffavorixxi lill-konvenuta fl-ahhar testment taghha, bil-mod segwenti :

(a) Li Rosa Cauchi kienet effetta minn senilita' ;

(b) Li din kellha tigi mqieghda go "cot" u mhux f'sodda ordinarja ;

(c) Li Rosa kienet tkun tant inkwieta li kien ikollha bzonn ta' kalmanti potenti ;

(d) Li dawn il-kalmanti u drogi gabulha konfuzjoni mentali li ma kienitx taf x'inhi taghmel ;

(e) Illi fl-ahhar jiem ta' hajjitha Rosa kienet marret ghall- aghar tant li l-komunikazzjoni maghha kienet difficcli (a fol. 213-4 tal-process) .

Irrizulta mill-provi illi d-decujus Rosa Cauchi, xebba anzjana, li fl-ahhar snin ta' hajjitha kienet ghamja u 'bedridden' kienet lahqet arrangament mal-kugini taghha l-attur Joseph Galea u ohtu l-konvenuta Maria Camilleri sabiex dawn iduru biha u jiehdu hsieb il-bzonnijiet taghha . Dawn kellhom jitqassmu tnax il-siegha kuljum kull wiehed fil-kura taghha . Tant li l-konvenuta kellha taghmel ma' Rosa mit-tmienja u nofs ta' filghodu (8.30 a.m.) sat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30 p.m.) u l-attur min dak il-hin sat-tmienja u nofs ta' l-ghada filghodu . Ta' dan l-impenn l-attur u l-konvenuta kellhom jigu ikkompensati b'legati partikolari li Cauchi halliet a favur taghhom fit-testment taghha in atti Nutar Giuseppi Cauchi tat-18 ta' April 1983, fejn imbaghad halliet bhala eredi universali taghha lill-hames ahwa Galea, kontendenti f'din il-kawza .

Dan l-arrangament baqa' jsehh ghal xi zmien sakemm jidher li beda jinqala' l-inkwiet bejn Rosa Cauchi u l-attur u l-familja tieghu . Il-konvenuta tallega li l-attur ma baqghax jorqod regolarment ghand t-testatrici, u meta kien ikun hemm lanqas kien jiehu kura sewwa tal-htigijiet taghha ta' matul il-lejl . Sinjifikanti li din l-allegazjoni bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-attur . Ghalkemm dejjem kienet turi x-xewqa li tibqa' d-dar, Rosa jidher li issa bdiet tibdel il-fehma taghha u tghid li ghand is-sorijiet forsi tkun ahjar . Infatti dan kollu rrilevatu lit-tabib kuranti taghha Dr. Salvino Galea li rrangalha biex tigi rikoverata fis-St. Dominic's Clinic, ir-Rabat . Il-fatt li l-attur jghid li dan kollu sar minn wara daru, jindika illi tassew f'dawk il-granet kien ittraskura xi ftit lill-anzjana .

Xi jiem wara, imbaghad, sar it-testmemt in kwistjoni gewwa l-home fejn kienet ittiehdet Cauchi . Ha hsieb biex isejjah lin-Nutar it-tabib Dr. Galea, li dakinhar stess irrilaxxja certifikat li t-testatrici kienet mentalment kapaci tiddisponi minn hwejjigha (Dok. SG a fol. 38) . It-testment inkiteb minn Nutar dak il-hin stess u fil-prezenza taz-zewg xhieda li kkorroboraw lin-

Nutar fis-sens li kienet t-testatrici stess li ddettat x'riedet u li gie imfisser lilha dak li kienet qed taghmel . Infatti b'dak it-testment, Cauchi, filwaqt li kkonfermat il-legati li kienet halliet bit-testment precedenti, hatret bhala eredi universali taghha lill-konvenuta (Dok. MR a fol. 39-40) . Sahhet it-testatrici imbaghad iddeterjorat sew, tant li anqas minn hmistax il-gurnata wara mietet .

L-attur in sostenn tas-sottomissjoni tieghu li t-testatrici giet ingannata jaghmel hafna enfasi fuq il-fatt li din kienet qed tinzamm go *cot* gewwa l-Clinic, kienet tidher imdejqa u tilmenta mill-fatt li kienu haduha hemmhekk, u tant kienet tghajjat li s-sorijiet anke waslu biex amministrawla t-trankwilizzanti fi sforz li jikkalmawha . Ghalieh anke l-fatt li l-konvenuta haditha l-Clinic minn wara daru u fil-fehma tieghu kontra r-rieda espressa ta' l-istess testatrici, kienu parti mill-pjan imfassal mill-konvenuta biex tiddebbolixxi r-rieda tat-testatrici u ggaghlha tifffavorixxi lilha a skapitu ta' hutha l-ohra f'dan l-ahhar testment taghha .

Il-Qorti pero' ma tara xejn straordinarju fil-fatt li anzjana marida bhal ma kienet Rosa Cauchi tinzamm f'*cot*, tenut kont tal-fatt li din kienet *bedridden* minhabba ksur li kienet garrbet f'saqajha u anke nieqsa mid-dawl . Suor Epifanja Bonnici u l-espert tal-Qorti Dottor Pisani, sostnew li din hija procedura normali f'nies ta' kondizzjoni simili . Zgur li dan sar fl-interess ta' sahhitha u mhux biex tinzamm priguniera kif forsi jrid jimplika l-attur . L-istess Suor Epifanja lanqas ma rat xejn barra minn normal fil-protestazzjonijiet li bdiet taghmel Rosa fl-ewwel granet taghha fil-klinika . Fir-rigward ta' l-allegazzjoni li l-konvenuta hadet lid-decujus fil-klinika biex aktar iggibha taht il-kontroll taghha, apparti l-fatt illi rrizulta li kienet Rosa Cauchi stess li qalet lit-tabib kuranti taghha Dr. Galea biex jirrangalha halli tingabar ghand is-sorijiet u mhux il-konvenuta li ddecidiet ghaliha, il-Qorti taqbel ma' dak li sostniet il-konvenuta fin-nota ta' osservazjonijiet taghha fis-sens li l-ambjent tal-klinika kien ser ikun ferm aktar difficcli ghall-konvenuta biex tiddomina u ggieghel lit-testatrici taghmel dak li trid u tghidilha hi, kif tkun imdawra b'pazjenti ohra u sorijiet iduru maghhom il-hin kollu, milli kienet fl-istess dar ta' Cauchi, fejn ghal tnax-il siegha shah kuljum kienet tkun wahedha maghha, bil-fakolta' kollha li twettaq kwalunkwe pjanijiet li setghet fasslet, minghajr ma hadd jiddisturbaha jew ifixkilha fil-pjanijiet taghha .

Dr. Salvino Galea jichad illi huwa kien ippreskriva xi trankwilizzanti lit-testatrici, u ghalkemm xi sorijiet milli kienu jikkuraw lil Cauchi fil-klinika xehdu li kien hemm okkazjonijiet fejn medicinali b'effett trankwilizzanti gew amministrati lilha, partikolarment fl-ahhar granet ta' hajjitha, dan ma

jfissirx illi meta ghamlet it-testment kontestat, din kienet bil-fors taht l-effett taghhom . Apparti c-certifikat ta' l-istess Dr. Galea li ezamina lit-testatrici dakinhar stess li sar it-testment u sabha kapaci biex tiddisponi minn hwejjigha, ghandna ukoll ir-raport ta' l-espert psikjatra nominat minn din il-Qorti . Dottor Joseph Pisani, illi wara li ezamina l-provi kollha prodotti f'din il-kawza wasal ghall-konkluzjoni li :

"… fl-Atti ma jezisti xejn li juri li meta Rosa Cauchi ghamlet it-testment, din kienet affetta minn xi forma ta' mard psikjatriku jew effett ta' medicinali li rrendewha mentalment inkapaci" (a fol. 215 tal-process) .

Ma hemm xejn allura li jista' jindika li meta giet biex taghmel dan l-ahhar testment taghha, t-testatrici kienet taht l-effett ta' xi medicinali li setghu jiddebolixxu l-istat mentali taghha u jaghmilha aktar suxxettibbli ghar-rieda tal-konvenuta . Anzi l-fatt li l-istess testatrici b'dak it-testment taghha zammet ferm il-legati li kienet hallet bit-testment precedenti taghha u li *inter alia* kienu jibbenefikaw lill-attur innifsu, jimmilita a favur tat-tezi li din kienet f'kontroll tajjeb tal-fakoltajiet mentali taghha . Lill-attur ma nsitux u xorta wahda riedet tikkumpensah b'xi mod ta' li kien ghamel maghha . Ma jiswa xejn ghall-fini ta' dan l-ezami li rrizulta nkontestat li s-sahha sew fizika u anke mentali ta' Rosa Cauchi ddeterjorat ferm ftit wara li sar dan it-testment ghax kif iffisser tant tajjeb il-**Baudry- Lacantinerie** (Trattato di Diritto Civile: Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti: Vol. I para 620) :

**"Il testatore deve avere la capacita' di diritto nelle due epoche teste' indicate: al momento della confezione del testamento, poiche' si e' allora ch'egli esercita la sua facolta' di disporre; al momento della sua morte, poiche' si e' allora che trasmette . Quanto alla capacita' di fatto (sanita' di mente) basta ch'essa esista nel testatore al momento della confezione del testamento; poco importa ch'egli la perda piu' tardi . Una volta manifestata in forma legale, la volonta' testamentarja e' ritenuta persistente, fino a che essa non sia ricoverata da una volonta' contraria legalmente espressa ."**

Inutili wkoll d-diversi ittri esebiti mill-attur, biex jindikaw l-amicizja u rispett li kien hemm bejn id-decujus u hutu msiefrin, u kif Rosa kienet rikonoxxenti lejhom ghar-rigali anke pekunarji li regolarment kienet tircievi minghandhom . Ma hemm xejn li jista' jindika ingann fil-fatt li t-testatrici, hekk kif giet rikoverata fil-klinika, forsi anke kontra x-xewqa taghha, imma ghax necessarjament hasset li ma kienitx moqdija bizzejjed go darha, riedet tiffavorixxi lill-konvenuta, li fil-fehma taghha kienet l-unika wahda mill-kugini taghha li wriet dedikazzjoni shiha lejha . L-attur ma kienx zamm

ghal kollox il-parti tal-ftehim tieghu, u hutu msiefrin zgur ma setghux ikunu ta' ebda ghajnuna ghaliha f'dawk ic-cirkostanzi . Di piu' lill-attrici rabtitha biex tibqa' ddur biha sal-mewt . Anke jekk din il-kondizzjoni ta' l-ahhar giet suggerita lit-testatrici mill-konvenuta stess, dan ma jikkostitwix id-*dolo* kif imfissra fid-dottrina . Biex jenfasizza li mhux kull kaptazjoni jew suggestjoni jivvizzjaw ir-rieda tat-testatur il-**Laurant** (op. Cit. para. 135) jiccita fit-tul mill **Furgole** fis-sens illi :

"I libri dei Romani, egli dice, sono ripieni di esempi che ci mostrano mezzi piu' o meno disonesti adoperati per carpire delle liberalita', come l'affettazione di rendere dei servigi, i doni, le assiduita', le compiacenze, le amicizie finte ed altre vie oblique disapprovate da quanti si vantavano onesti; le liberalita' cosi' ottenute non vennero mai annulate; al contrario essi si trovano confermate lodevoli perche' ispirati ad una ragione di sordido interesse; tuttavia non sono illeciti, perche' non hanno stretta relazione col dolo e colla frode; ora non bisogna perdere di vista che il dolo soltanto puo' fare della captazione una causa di nullita' . Lo stesso e' a dirsi della suggestione, essa non e' che una persuasione, un ispirazione, un consiglio . Fintanto che il sollecitare si limita a blandizie, a servigi, a preghiere,fossero anche importune, la volonta' del disponente resta cio' nonpertanto libera'; solo la menzogna e la frode corrompono l'animo e viziano la volonta' " (cap. V. sez. III. nn. 15, 25, 26, 36) .

Ghaldaqstant, u peress illi ma rizultax sodisfacentement, anke fid-dawl tad-dottrina u gurisprudenza hawn ikkwotata, illi l-attur proprio et nomine rnexxilu jipprova fil-grad ta' certezza rikjesta mill-ligi, li t-testment kontestat ta' Rosa Cauchi kien effett b'xi ingann ezercitat mill-konvenuta jew li d-*decujus* kienet fi stat mentali tant debboli li l-istess testment ma kienx jesprimi r-rieda libera taghha .

Tiddiecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzonijiet tal-konvenuta fuq il-mertu, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur proprio et nomine .

Magistrat

Deputat Registratur

(ft) Paul Coppini

Magistrat

(ft) Francis Attard

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

S4386G1(Pc)

3525